MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 228/2007

**Talba Nru: 228/07PBC**

**Maltacom p.l.c. C22334 u b'digriet tat-21 ta' Novembru, 2007 l-isem Maltacom p.l.c. jinbidel ghal GO p.l.c.**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited (C8884)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm742.57c) li huma ekwivalenti ghal elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu

(€1,729.72) u dan in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta’ attrici fiz-Zebbiegh, limiti ta’ l-Imgarr, f’Settembru 2005 u dan skond fattura bir-referenza MC00528 datata 25 ta’ Novembru, 2005 (file relattiv-GT3/2005/47).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici, permezz ta’ din l-istanza titlob lil dan it-Tribunal sabiex tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghall-hsarat ikkawzati u tikkundannaha thallas l-ammont kif mitlub bl-ispejjez inkluz dawk ta’ ittra ufficjali tal-15 ta’ Frar, 2006 b’referenza 839/06 u bl-imghaxijiet legali dekorrendo mill-25 t’Ottubru, 2005.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet:

1. Illi preliminarjament hija m’hijiex il-legittimu kontradittur stante illi ma kkagunat l-ebda hsara fl-infrastruttura tas-socjeta’ attrici fiz-Zebbiegh, limiti ta’ l-Imgarr.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ix-xoghol li wettqet is-socjeta’ konvenuta wettqitu skond is-sengha u l-arti u minn persuni tas-sengha.

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante illi s-socjeta’ eccipjenti m’hijiex responsabbli ghall-ebda danni sofferti mis-socjeta’ attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1133 Joseph Borg, Joseph Chircop, Vincent Camilleri, Lawrence Borg u ta’ Alison Zammit.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

## Ikkunsidra

Illi f'Settembru 2005 kien qieghed isir xoghol ta' rikostruzzjoni ta' Triq iz-Zebbiegh, l-Imgarr li kien qed jigi ffinanzjat taht il-Fifth Financial Protocol Relating to Economic, Technical and Financial Assistance bejn il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern ta' Malta. It-tender inghata attwalment lis-Societa' Internazionale Gallerie Srl ta' Sorrento Italia, izda kienet is-socjeta' konvenuta li giet attwalment kontrattata biex tezegwixxi x-xoghlijiet fizikament.

Jirrizulta ppruvat ukoll illi fis-6 ta' Settembru, 2005 sar incident li b'rizultat tieghu gew ikkawzati hsarat f'cable tat-telephones forniti mis-socjeta' attrici. Meta Charles Polidano, d-dirigent tas-socjeta' konvenuta gie avzat b'tali incident mill-Pulizija huwa ddikjara li ma kienx jaf bih. Pero' t-Tribunal huwa sodisfatt li dan l-incident attwalment gara. Di fatti Lawrence Borg, li huwa surveyor mal-Maltacom plc u li kien ghamel is-sinjali fit-triq qabel ma sar l-iskavar, kien mar fuq il-post wara li kellhom il-*complaints* ta' diversi persuni li l-linja taghhom ma kienetx qeghda tahdem u hemmhekk ra li l-cable taghhom kien miksur u ghalhekk ta l-istruzzjonijiet sabiex isiru t-tiswijiet necessarji u anki rrapporta lis-superjuri tieghu. Fil-fatt imbaghad 'l ghada Vincent Camilleri mar jaghmel ir-rapport mal-Pulizija.

Huwa evidenti illi galadarba kien hemm is-sinjali ta' fejn kienu ghaddejjin il-cables u galadarba jirrizulta ppruvat illi l-hsara saret fil-cable li kien jinsab ezattament fejn kien gie mmarkat, li s-socjeta' konvenuta bhala l-kumpanija li attwalment kienet qeghda taghmel ix-xoghlijiet, hija responsabbli ghal dawn il-hsarat.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta tghid illi hija m'ghandhiex twiegeb ghal dawn il-hsarat u hawnhekk it-Tribunal qieghed jifhem illi qed tipprova twaddab ir-responsabbilta' ghall-istess lill-kumpanija li hadet it-tender u cjoe' lil Societa' Internazionale Gallerie Srl fuq imsemmija.

F'dan ir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-kaz odjern is-socjeta' attrici setghet facilment tindirizza t-talbiet taghha wkoll kontra din il-kumpanija izda galadarba jirrizulta ppruvat li l-hsara giet fizikament maghmula mis-socjeta' konvenuta, hija ghandha d-dritt ta' rivalza wkoll kontra s-socjeta' konvenuta.  Naturalment, galadarba saret kawza biss kontra l-kumpanija Maltija, ghandha ssir riserva favur is-socjeta' Maltija kull dritt ta' rivalza *si et quatenus*, kontra l-imsemmija kumpanija Taljana.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, dawn jirrizultaw ippruvati kemm mid-dokumenti esebiti u kif ukoll mix-xhieda prodotta.  Ma saret l-ebda prova in kontestazzjoni tal-quantum tad-danni u ghalhekk it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-akkadut mertu tal-kawza u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€1,729.72) li huwa ekwivalenti ghal seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm742.57c).  Bl-ispejjez u bl-interessi li jibdew jiddekorru mil-21 ta' Frar, 2006 li hija d-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 2006.  Qeghda ssir riserva favur is-socjeta' konvenuta kull dritt ta' rivalza *si et quatenus*, kontra l-imsemmija kumpanija Taljana fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------